MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 85/2015

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 96/15**

**ppreżentata fit-13 ta' Jannar, 2015 fl-ismijiet:**

**Daniel Borg (ID 239380M)**

**vs**

**Mark Casha (ID 88080M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar, 2015 minn **Mark Casha** (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-rikorrent"), fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala annessa mal-Ittra Uffiċjali Nru 96/2015[1] fl-ammont ta' €50,000, liema kambjala mmaturat fl-1 ta' Ġunju, 2014. Ir-Rikors tar-rikorrent Mark Casha jgħid dan li ġej:

*Illi dan hu rikors magħmul taħt il-proviso tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 (recte);*

*Illi Daniel Borg ippreżenta ittra uffiċjali (Dok. 'A') kontra l-esponent u magħha annetta kambjala sabiex taħt il-provvedimenti tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 (recte) qed jipprova jirrendi dik il-kambjala bħala titolu eżekuttiv;*

*Illi l-kambjala mertu tal-każ ma ġietx ġirata. U fil-fatt il-kambjala hi parti minn negozju li sar bejn il-partijiet;*

*Illi fil-fatt il-kambjala saret b'qerq fil-konfront tal-esponent li iffirma ukoll fl-istess jum kuntratt ta' Partnership (Dok. 'B') flimkien mal-istess Daniel Borg u ma' ċertu Reuben Spiteri. Dan il-partnership jidher datat l-1 ta' Jannar, 2014 imma fil-fatt kien iffirmat fl-istess jum mal-kambjala;*

*Illi l-ammont li kellu joħroġ kull wieħed mis-soċji f'din is-soċjetà kien biss ta' mitt euro (Eur 100.00). Dan jirriżulta mill-istess ftehim.*

*Illi l-esponent ġie imġiegħel jiffirma żewġ kambjali – waħda favur Daniel Borg u l-oħra favur Reuben Spiteri, it-tnejn tal-istess ammont ta' Eur 50,000.00. Ma hemmx spjega jew raġuni għal din il-konsiderazzjoni fl-iskrittura msemmija. Anzi l-istess skrittura ma ssemmix l-obbligu ta' dan il-ħlas;*

*Illi l-istess kambjali tindika li din tirrappreżenta "Value in services received which place to Account". Imma l-esponent fil-verità qatt ma irċieva servizzi la minn Daniel Borg u la minn Reuben Spiteri;*

[1] A fol. 4 u 5 tal-proċess.

*Illi fil-fatt il-partijiet kienu iddeċidew li l-esponent jidħol maż-żewġ persuni l-oħra f'soċjetà biex jagħmlu xogħol ta' reklamar, graphic design u affarijiet konnessi. Il-kumpannija mhjiex reġistrata.*

*Illi la Reuben Spiteri u la Daniel Borg ma kienu ħarġu xejn għal din is-soċjetà safejn jaf l-esponent. Għalhekk il-kontribuzzjoni ta' Eur 100,000 (Eur 50,000 lil kull wieħed mis-soċji l-oħra) ma tistax tinfthiem ladarba s-soċji l-oħra ma kkontribwewx (recte) ukoll bl-istess ammont li qed jippretendu mingħand l-esponenti;*

*Illi sabiex Daniel Borg u Reuben Spiteri ħajjru lill-esponent jidħol f'din is-soċjetà huma qablu li barra l-paga li kien ser jieħu (li wara rriżulta li kienet fil-fatt viċin l-elf Euro fix-xahar (Eur 1,000.00) hu suppost kien ser idaħħal ukoll qligħ u profitti mil-introjtu tas-soċjetà ammontanti għal ħafna aktar. Tant hu hekk li hu ingħata "spreadsheet" li turi x'kienu dawn il-profitti kimeriċi (Dok. 'Ċ'). Kien għalhekk li l-esponenti kien ingannat sabiex jiffirma ż-żewġ kambjaliet ta' Eur 50,000.00 -il waħda favur dawn iż-żewġ persuni. Kieku il-qligħ indikat fl-ispreadsheet kien qed isir jew kien ser isir, allura l-esponent kien jiġbor iż-żewġ ħamsin elfijiet fi żmien qasir mill-qligħ. Iżda dwar dan il-qsim tal-qligħ imwiegħed l-esponent qatt ma reġa' sema' xejn u qatt ma ħa xejn. Suppost fl-ewwel sena kellu jieħu Eur 31,000.00 oltre il-paga ta' Eur 12,000;*

*Illi intant Daniel Borg u Reuben Spiteri qatt ma taw indikazzjoni lill-esponent tal-qligħ li kien qed isir u qatt ma ġie indikat lilu jekk kinitx qed tiġi mħallsa il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali (recte) u, jew it-taxxa tiegħu;*

*Illi l-esponent ma ħasibx li Daniel Borg u Reuben Spiteri kienu ser jazzardaw iqarrqu bih jew ma juruhx il-verità għaliex dawn kienu saru ħbieb tiegħu u hu kien jafdahom. Daniel Borg ilu ħabib tal-esponenti sa minn għoxrin sena ilu;*

*Illi kieku l-esponent kien jaf il-verità tal-qligħ li kien hemm minn din is-soċjetà hu ma kienx jiffirma ebda kambjala. Għalhekk hu iffirma l-istess kambjali frott tal-qerq u, jew indikazzjonijiet żbaljati li kienu tawh iż-żewġ persuni fuq indikati. Reuben Spiteri kien messu jaf li dak il-qligħ indikat fl-ispreadsheet kien eżaġerat u ma kienx probabbli li jsir. Is-somma ta' Eur 100,000.00 kienet bażata fuq dak il-qligħ previst fl-ispreadsheet;*

*Illi għalhekk il-kambjali fil-fatt jaħbu u huma estensjoni tal-kuntratt ta' partnership li sar. Ma kien hemm ebda raġuni oħra għaliex kellhom isiru kambjali għax l-esponent ma ħa xejn mingħand iż-żewġ persuni;*

*Illi intant ukoll il-kambjali jista' jkun li jaħbu u, jew għandhom kawża illegali jew illeċita u bħala tali ladarba il-kawża ta' dan il-kuntratt tista' tkun illegali jew illeċita, Daniel Borg ma jistax jitlob ħlas fuq l-istess kambjala;*

*Illi in vista tal-qerq li ssubixxa l-esponent jew tal-kawża illegali li tinħeba wara l-kambjala hu m'għandux jiġi mġiegħel iħallas l-imsemmija kambjala;*

*Illi jeżistu raġunijiet gravi u validi biex din il-Qorti tordna s-sospensjoni mitluba. Ir-raġunijiet mogħtija jirrigwardjaw in-negozju eżistenti bejn il-partijiet li wassal għall-ħruġ tal-kambjali mertu ta' dawn il-proċeduri;*

*Illi referenza ssir għal deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta (Imħ. T Mallia) mogħtija fil-kawża* **Giordimaina vs. Pace** *fis-16 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti, fuq skorta ta' ġurisprudenza u teorija legali rriteniet illi ġaladarba kambjala ma ġietx ġirata, ma tistax titqies awtonoma mill-obbligazzjoni li tat lok għalija. Din is-sentenza kienet segwita ukoll mill-istess Qorti (per Onor. Imħallef Anna Felice) fil-kawża fl-ismijiet* **Gustav Baldacchino vs. Gordon Agius u Robert Agius** *deċiża fil-21 ta' Jannar, 2014;*

*Illi hu evidenti li d-diżgwid li hemm bejn il-partijiet huwa raġuni serja u valida biżżejjed biex tiġġustifika it-talba magħmula f'dan ir-rikors. Il-provvediment tal-liġi fl-Art. 253(e) tal-Kap. 12 (recte), intiżi sabiex iħaffu proċeduri legali għall-ġbir ta' debiti, żgur ma kinux intiżi biex ixejnu mid-drittijiet ta' debitur li jkollu l-obbligi tiegħu skrutinati minn Qorti f'kawża fuq il-mertu, jekk ikun hemm lok għal dan. Provvedimenti għal speditezza mhumiex intiżi biex jintużaw bħala pressjoni fuq debitur a skapitu ta' drittijiet mogħtija lilu bl-istess liġi;*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onor. Qorti sabiex ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala u dan prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tħoss bħala neċessarja.*

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Jannar, 2015, li permezz tiegħu ordnat in-notifika ta' Daniel Borg (ID 239380M) u tagħtu għaxart (10) ijiem żmien biex iwieġeb bil-miktub.

Rat ir-Risposta tal-intimat **Daniel Borg (ID 239380M)** li tgħid kif ġej:

*"1. Illi Mark Casha mhuwiex jikkontesta kwalunkwe aspett formali tal-kambjala u għaldaqstant il-kambjala de quo hija valida għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;*

*2. Illi fil-fehma umli tal-esponenti ir-rikorrent mhuwiex iġib raġunijiet validi ai termini tal-Artikolu 253 paragrafu (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jopponi għall-esekuzzjoni tal-kambjala relattiva;*

*3. Illi r-rikorrent ma jistax jitwemmen meta jingħad li l-kambjala saret b'qerq fil-konfront tiegħu peress li l-arranġament ta' bejniethom kien ilu jiġi diskuss u n-negozju relattiv kien saħansitra ntlaħaq u l-iskrittura relattiva ffirmata quddiem konsulent li kien ġie mqabbad għal dan il-għan;*

*4. Illi kuntrarju ta' dak li jgħid ir-rikorrenti bil-ġurament tiegħu, l-esponenti Daniel Borg flimkien ma' Reuben Spiteri kienu ilhom jaħdmu flimkien sa mis-sena elfejn u għaxra (2010) u kien preċiżament għalhekk illi r-rikorrenti kien lest iħallas sabiex jidħol f'dan il-partnership;*

*5. Illi kien fil-fatt ir-rikorrenti li abbanduna l-ftehim ta' bejn il-partijiet u dan meta kien intalab sabiex iħallas l-ammont minnu dovut fuq il-kambjala relattiva. Ir-rikorrenti qatt ma talab sabiex l-arranġament ta' bejniethom jiġi terminat, lanqas qatt ma pprova jgħid li l-iskrittura relattiva ma kinitx valida. Għal kuntrarju r-rikorrenti, kuntrarju ta' dak li jinsinwa fir-rikors ġuramentat tiegħu, kien irċieva tul ix-xhur qabel ma abbanduna l-ftehim konsiderevolment aktar minn elf Euro (€1,000) fix-xahar.*

*6. Illi kif din l-Onorabbli Qorti rriteniet kemm -il darba kambjala għandha ħajja indipendenti minn kwalsiasi transazzjoni kummerċjali oħra;*

*7. Illi l-esponenti hu tal-fehma li dina l-Onorabbli Qorti għandha tirrespinġi bis-sħiħ, fl-ambitu tal-Artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-oppożizzjoni tar-rikorrenti għall-esekuzzjoni tal-kambjala inkwistjoni u tgħaddi biex tiddikjara illi s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tintrafa' minnufih.*

Rat l-atti tal-Ittra Uffiċjali u tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent, tal-intimat u ta' Reuben Spiteri.

Semgħet l-avukati tal-partijiet jittrattaw.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta’ April, 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għal provvediment għas-seduta tat-17 ta’ Ġunju, 2015.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi din hija proċedura ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta’ Malta) jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b’digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f’parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f’dak il-każ biex persuna teżiġi l-ħlas ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b’kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tqis illi din hija proċedura preliminari ta’ stħarriġ u verifika fejn il-Qorti tista’ tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta’ kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f’każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta *prima facie* (i) illi l-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx ta’ min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew (ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni. F’każ li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, biex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala dan ikollu jiftaħ kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

**Kunsiderazzjonijiet fattwali**

Tqis illi r-rikorrent Mark Casha isejjes it-talba tiegħu għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala fuq allegazzjonijiet ta' qerq u raġġiri da parti tas-soċji msieħbin fin-negozju miegħu, l-intimat Daniel Borg u s-soċju l-ieħor Reuben Spiteri. Ir-rikorrent isostni li l-kontribut tiegħu ta' €100,000 għall-*'civil partnership'* mar-rikorrent Daniel Borg u Reuben Spiteri kien ibbażat fuq prospetti ta' qligħ verament tajbin skont il-projections li urewh Daniel Borg u Reuben Spiteri permezz ta' *spreadsheet*[2], li kkonvinċewh jinvesti f'dan in-negozju, anki jekk fil-verità baqa' ma ħareġ xejn fi flus kontanti u rrilaxxja biss żewġ kambjali ta' €50,000 il-waħda, waħda a favur Daniel Borg u l-oħra a favur Reuben Spiteri, liema kambjali jindikaw li r-rikorrent Mark Casha kellu sa Ġunju 2014 biex iħallas dawn il-€100,000.00.

Però mill-provi li tressqu waqt is-smigħ ta' dan ir-Rikors, ma joħroġx ċar x'jirrappreżentaw eżattament dawn il-€100,000.00. Fl-iskrittura ta' 'civil partnership'[3] m'hemm ebda spjega jew raġuni għal din il-konsiderazzjoni, tant li fl-imsemmija skrittura l-obbligu ta' dan il-ħlas ma jissemma bl-ebda mod.

Mill-banda l-oħra l-istess kambjala tindika li din tirrappreżenta "Value in services received which place to Account". Imma waqt is-smigħ tar-Rikors ma tressqu ebda provi mill-intimat Daniel Borg ta' xi servizzi li seta' irċieva ir-rikorrent mingħand l-intimat.

Fix-xhieda tiegħu Reuben Spiteri[4] jgħid ċar illi s-somma ta' €100,000 rappreżentata fil-kambjali kellhom jitħallsu mir-rikorrent Mark Cash bħala konsiderazzjoni biex dan jiġi ammess bħala soċju fis-'civil partnership' flimkien ma' Daniel Borg u Reuben Spiteri.

Għad li l-ewwel ġew iffirmati l-kambjali imbagħad wara l-iskrittura, huwa evidenti li dawn kienu jiffurmaw parti mill-istess negozju. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-istess rikorrent li minkejja li fir-Rikors jisħaq illi skont l-iskrittura tal-1 ta' Jannar, 2014 l-ammont li kellu joħroġ kull wieħed mis-

[2] A fol. 8 tal-proċess.
[3] A fol. 6 u 7 tal-proċess.
[4] A fol. 32 sa 36 tal-proċess.

soċji f'din is-soċjetà kien biss ta' mitt euro (€100.00), fix-xhieda tiegħu jirritjeni li huwa kien ġie 'ingannat' u 'imġiegħel' jiffirma

ż-żewġ kambjali ta' €50,000.00 il-waħda bil-prospettiva ta' qligħ konsiderevoli indikat fl-i*spreadsheet* ippreżentata lilu minn Daniel Borg u Reuben Spiteri.

Mill-provi ppreżentati waqt is-smigħ tar-Rikors, mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent Mark Casha b'effett mill-1 ta' Jannar, 2014 kien ġie ammess fis-*civil partnership* flimkien mas-soċji l-oħrajn Daniel Borg u Reuben Spiteri li aċċettaw li l-konsiderazzjoni li Casha kellu jikkontribwixxi għas-*civil partnership,* setgħet titħallas sal-1 ta' Ġunju, 2014 flok mill-ewwel.

Li hu kkontestat huwa l-grad ta' involviment ta' Mark Casha fit-tmexxija ta' dan is-*civil partnership* li ppermettewlu s-soċji l-oħra u kemm attwalment Casha kien qed ikun infurmat dwar il-*workings* u l-*accounts* tal-*partnership*, li abbażi tagħhom eventwalment kellhom jinħadmu u jiġu kkalkulati l-profitti u d-'dividends'. [5]

Min-naħa tagħhom l-intimat Daniel Borg u Reuben Spiteri t-tnejn li huma xehdu li kien irriżultalhom sussegwentement li Mark Casha ma kellux minfejn iħallashom il-konsiderazzjoni miftiehma. Mill-banda l-oħra r-rikorrent Mark Casha ikkonferma bil-ġurament fir-Rikors Maħluf li illi kieku kien jaf il-verità dwar il-qligħ li kien hemm minn din is-soċjetà, hu ma kienx jiffirma ebda kambjala.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Sabiex kambjali tassumi eżistenza awtonoma mill-obbligazzjoni oriġinali li tat lok għaliha, din trid tkun ġirata favur terzi. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **John Giordmaina et. vs Joseph Pace**[6] il-Qorti rriteniet li:

---

[5] Ara fol. 29 tal-proċess.
[6] PA (TM) - deciza fis-16 ta' Jannar 2003.

> *"Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li joħroġ u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni originali...*
>
> *Il-leġislatur Malti ma għamilx il-kambjala titolu esekuttiv, speċifikatament biex il-kambjala, diment li tkun għadha fil-pussess tal-persuna favur min inħarġet, ma tiġix użata bħala magna ta' estorzjoni, iżda min jitlob ħlas fuqha ikun irid jiġġustifika t-talba tiegħu, għax altrimenti tista' tkun obbligazzjoni bla kawża (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tiegħu) li ma tistax tiġi inforzata. F'każi simili l-kambjala hija intiża biss biex tiffaċilita l-pagament, u mhux għall-skop ieħor – datio pro solvendo u mhux datio pro soluto."*

Tqis illi l-liġi fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 ma tispeċifikax x'jistgħu jkunu "raġunijiet oħra gravi u validi" u dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġiżlatur iżda intenzjonalment, għax il-leġiżlatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet għandha tilqa' t-talba jew le ai termini tal-istess dispożizzjoni. "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni"[7].

Din il-Qorti tqis li għar-raġunijiet premessi, partikolarment 'il għaliex fi proċedura preliminari ta' stħarriġ u verifika bħal mhija din, ma setax jiġi stabbilit x'kienet eżattament tirrappreżenta s-somma ta' €50,000 indikata fil-kambjala u lanqas ma ħareġ ċar x'tip ta' involviment kellu r-rikorrent fl-amministrazzjoni bħala partner fil-*partnership* inkwistjoni, jeżistu *prima facie* raġunijiet gravi u validi biżżejjed biex issir oppożizzjoni ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-eżekuzzjoni immedjata tal-kambjala inkwistjoni u biex l-intimat jeżiġi l-ħlas tal-kambjala inkwistjoni għandu jipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi illi:**

[7] **Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi** - PA deċiża fil-5 ta' Frar, 2008.

1. **tilqa' t-talba u tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddirieġi illi jekk l-intimat ikun irid jeżiġi l-ħlas tal-kambjala inkwistjoni, dan għandu jipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta);**

2. **l-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura jitħallsu nofs kull wieħed mill-partijiet.**

Moqrija

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------